Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14286/25
PV CONS 53
TRANS 481
TELECOM 360
ENER 541
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)

20 ta' Ottubru 2025

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13922/25. Fuq talba ta' Spanja, il-Kunsill qabel li jiżdied punt ieħor taħt "affarijiet oħra" dwar "Il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-ħin tas-sajf minħabba n-nuqqas ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika", f'sessjoni pubblika.

2. **Approvazzjoni ta' punti "A"**

Lista mhux leġiżlattiva 13973/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938** ❶C 13869/25
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938.

Il-Bulgarija, l-Ungerija u l-Italja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **L-elettrifikazzjoni bħala mutur ta' tranżizzjoni kompetittiva u nadifa**[1] P2 13319/25
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Elettrifikazzjoni bħala mutur ta' tranżizzjoni kompetittiva u nadifa.

[1] Fil-preżenza ta' Professur tal-Politika dwar l-Enerġija u l-Klima, l-Università ta' Oxford.

5. Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fl-Ukrajna u fil-Moldova u l-importanza strateġika tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tal-enerġija tal-UE[2] 13325/25
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

6. a) Il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-ħin tas-sajf minħabba n-nuqqas ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika [2] **14195/25**
Informazzjoni minn Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja.

b) Rapport ta' progress annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar [2] 13776/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

c) Komunikazzjoni dwar il-viżjoni globali tal-UE dwar il-klima u l-enerġija: l-iżgurar tar-rwol kompetittiv tal-Ewropa fis-swieq dinjija u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa [2] 14015/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

d) Ftehimiet tripartitiċi għal enerġija affordabbli għall-industrija tal-UE - is-sitwazzjoni attwali [2] 13857/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

[2] Fil-preżenza tal-Ministru għall-Enerġija tal-Ukrajna u l-Ministru għall-Enerġija tal-Moldova.

e) Forum ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza 2030 13855/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

---

❶ L-ewwel qari

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 13922/25

Dwar il-punt "B" nru 3:	**Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938** *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tesprimi l-appoġġ tagħha għall-objettiv strateġiku tal-proposta għal Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 (ir-Regolament REPowerEU). Fl-istess ħin, aħna nemmnu li l-limitazzjoni tad-dipendenza enerġetika għandha titqies f'kuntest usa', filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri meħuda ma jkollhomx impatt sproporzjonat fuq l-ekonomija nazzjonali.

Aħna niġbdu l-attenzjoni li l-provvisti tal-gass naturali Russu lill-Bulgarija ġew sospiżi fl-2022, u fl-2024 iddiversifikajna b'suċċess is-sorsi ta' fjuwil nukleari frisk għall-unitajiet 5 u 6 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy. Minn Jannar 2024 'l hawn iż-żejt li daħal fil-Bulgarija ma kienx ta' oriġini Russa.

Minħabba l-appoġġ politiku għas-sustanza tal-proposta għar-Regolament REPowerEU, il-Bulgarija tqis li hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiġi żviluppat it-test fid-dawl tal-appoġġ ipprovdut minn pajjiżna għall-kisba ta' approċċ komuni mill-Kunsill tal-UE, li jirrifletti l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

1) L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet legalment vinkolanti u direttament applikabbli li jqisu l-impatt fuq l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass, li jipprevedu mekkaniżmi ta' appoġġ u garanziji possibbli biex jiġu żgurati provvisti alternattivi bl-użu ta' kapaċità żejda u infrastruttura eżistenti.

2) It-tisħiħ tas-salvagwardji meħtieġa fil-premessa 26 billi jiġi inkluż test fil-parti operattiva tal-abbozz tal-att biex il-kumpaniji b'kuntratti ta' trażmissjoni fit-tul u b'kapaċità ta' pipeline prenotata jiġu protetti minn każijiet potenzjali ta' arbitraġġ u penali finanzjarji, iżda wkoll biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-Regolament. Barra minn hekk, għad għandna tħassib dwar l-istabbiltà tal-bażi legali għall-ġustifikazzjoni tal-miżura kummerċjali applikata, li għaliha aħna nserrħu fuq l-impenn kontinwu tas-servizzi tal-KE biex tiġi żgurata bażi legali soda għall-implimentazzjoni tagħha.

3) Għall-implimentazzjoni tar-Regolament, ikun utli li jittieħdu passi addizzjonali biex jinħoloq sett ta' għodod għall-Istati Membri, inkluż il-proċess meħtieġ tal-iskambju u l-ipproċessar awtomatizzat tad-data."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA dwar l-Artikolu 16

"L-Ungerija temmen li l-kompożizzjoni tat-taħlita tal-enerġija, kif ukoll id-deċiżjonijiet dwar is-sorsi tal-provvista u d-diversifikazzjoni tagħhom, iridu jibqgħu f'idejn kull Stat Membru. L-Ungerija tesprimi t-tħassib serju tagħha li l-abbozz ta' Regolament RepowerEU jaffettwa b'mod fundamentali s-sigurtà tal-enerġija, il-prezzijiet tal-enerġija, u l-għażla sovrana tat-taħlita tal-enerġija. Għalhekk, aħna nqisu li l-abbozz ta' Regolament RepowerEU jinterferixxi mas-sovranità tal-Istati Membri u ma jirrispettax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-Assemblea Nazzjonali Ungeriża ħarġet opinjoni motivata dwar it-tħassib sinifikanti dwar is-sussidjarjetà.

L-Ungerija għandha dubji serji dwar il-bażi legali magħżula għall-proposta dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali RepowerEU. Fl-abbozz ta' Regolament RepowerEU ma hemm ebda objettiv ta' politika kummerċjali komuni. Għalhekk, aħna nqisu li din hija miżura ta' "sanzjoni de facto".

L-Ungerija jiddispjaċiha għall-fatt li ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt komprensiva u speċifika għall-pajjiżi, inkluż kontroll tal-kompetittività fuq il-pressjonijiet u l-volatilità tal-prezzijiet li jirriżultaw kif ukoll kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista reġjonali. L-Istati Membri mingħajr kosta, bħall-Ungerija, huma f'pożizzjoni speċifika li jeħtieġ li titqies.

L-Ungerija hija konvinta li l-miżuri deskritti fl-abbozz ta' Regolament RepowerEU mhux biss ser iwasslu għal prezzijiet tal-enerġija ogħla u aktar volatili, li diġà saru l-akbar impediment għall-kompetittività Ewropea, iżda wkoll jheddu s-sigurtà tal-provvista, speċjalment fil-każ ta' Stati Membri mingħajr kosta.

B'riżultat ta' dan, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament RepowerEU.

Barra minn hekk, dwar l-Artikolu 16, l-Ungerija tirrikonoxxi li ġiet inkluża dispożizzjoni fl-abbozz ta' Regolament RepowerEU li tiċċara r-relazzjoni mad-19-il pakkett propost dwar is-sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa.

L-Ungerija tiddikjara li l-interpretazzjoni fl-Artikolu 16 tal-abbozz ta' Regolament RepowerEU għandha tapplika għal kwalunkwe miżura ġdida potenzjali li tkopri s-suġġett tal-abbozz ta' Regolament RepowerEU matul in-negozjati interistituzzjonali.

Konsegwentement, l-Ungerija tenfasizza li sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' ċertezza legali għall-operaturi tal-Unjoni, anke biex tiġi pprovduta ċarezza dwar id-dispożizzjonijiet legali applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, il-koerenza u l-konsistenza bejn il-liġijiet u l-politiki differenti tal-UE għandhom jiġu rispettati inklużi l-eżenzjonijiet u d-derogi fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 kif fis-seħħ dak iż-żmien."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tixtieq ittenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-objettivi tar-Regolament u l-impenn determinat tagħha li tiksibhom, inkluż bħala wieħed mill-ewwel pajjiżi li rnexxielu jsir kompletament indipendenti mill-provvisti tal-gass mir-Russja.

Filwaqt li tilqa' l-inklużjoni fit-test ta' kompromess finali ta' ħafna mit-talbiet tagħha, l-Italja għad għandha tħassib, kif enfasizzat matul in-negozjati, dwar ċerti aspetti tat-test tar-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel imposta fuq l-importaturi fejn il-gass jiġi importat minn grupp magħżul ta' pajjiżi produtturi. Fil-fehma tagħna, dan ir-rekwiżit mhuwiex essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament u jirriskja li jnaqqas ir-ritmu tal-prestazzjoni tal-kuntratti billi jfixkel l-effettività tal-importaturi u jnaqqas il-likwidità tas-suq tal-LNG, b'konsegwenzi negattivi potenzjali għall-prezzijiet tal-gass u s-sigurtà tal-provvista, f'każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' negozjar rapidu b'effett immedjat tal-LNG biex tiġi bbilanċjata s-sistema.

Peress li l-Italja diġà qed tiffaċċa prezzijiet tal-enerġija ogħla mill-bqija tal-Ewropa, nittamaw li l-Kummissjoni twettaq monitoraġġ kontinwu u teżamina bir-reqqa kemm l-impatt ta' tali regoli fuq is-suq tal-gass/LNG u fuq il-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll ir-riperkussjonijiet għall-operaturi, sabiex dawn jitqiesu kif xieraq matul ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament innifsu."